# Giuseppe Briffa f'għeluq il-50 sena mill-pitturi tal-Evanġelisti għall-Knisja Parrokkjali

**Kenneth Cassar**
B.A. (Hons.) History of Art

*Giuseppe Briffa jibqa' magħruf għall-ħidma tiegħu f'bosta knejjes fis-seklu għoxrin, tant li huwa meqjus fost l-esponenti ewlenin tal-arti sagra f'pajjiżna. Ħafna minnkom jiftakruh jaħdem fuq il-kor, il-pendenti, il-korsija u l-koppla tal-knisja Parrokkjali ta' San Leonardu Abbati f'Ħal Kirkop. Dan kien proġett li dam numru ta' snin, biss ħamsin sena ilu, Briffa kien qiegħed ipitter il-pendenti li juru l-erba' Evanġelisti. Kenneth Cassar ikellimna dwar Giuseppe Briffa u xogħlu f'Ħal Kirkop.*

Għalkemm ċkejkna fid-daqs tagħha u qatt ma jidher li gawdiet minn patronaġġ distint ta' nobbli jew kummerċjanti kbar, xorta waħda il-Knisja Parrokkjali ddedikata lil San Leonardu Abbati f'Ħal Kirkop, tħaddan fiha numru ta' xogħlijiet li huma ta' interess artistiku anke fuq skala nazzjonali. Apparti l-eqdem kwadru dokumentat eżistenti ta' Rocco Buhagiar (1723-1805) li pitter il-kwadru titulari ta' San Leonardu fl-1751,[1] insibu xogħolijiet bikrin ħafna ta' Emanuele Buhagiar (1876-1962), partikolarment il-ventaltar tar-Rużarju u l-bradella ta' San




**Il-buzzetti għal pendent tal-Evanġelisti, datati 1963, illum fil-knisja tal-Lunzjata**



Giuseppe Briffa (1901-1987) waqt xogħlu (Ritratt Alfred Briffa)

Leonardu, kif ukoll ventaltar fil-fidda maħdum xejn anqas minn Antonio Sciortino (1879-1947), waħda minn ftit kummissjonijiet minn idejh għal opri fil-knejjes. Ma' dawn insibu xogħol estensiv ta' pittura minn idejn Giuseppe Briffa (1901-1987) li libbes il-knisja parrokkjali bi 23 biċċa mifruxa mal-kor, il-pendenti, il-korsija u l-koppla. Il-koppla mpittra minnu fl-età ta' 73 sena tibqa' l-aħħar kummissjoni ekkleżjastika kompluta eżistenti.

Madwar ħamsin sena ilu Briffa kien għaddej bil-kummissjonijiet tiegħu propju fil-knisja ta' Ħal Kirkop fejn ħadem fuq perijodu ta' madwar tlettax-il sena bejn l-1961 sal-1974, taħt il-parrokkat tal-Kappillani Dun Ġużepp Theuma (1960-1966) u Dun Anġ Vella (1966-1977).[2] Biss iddeċidejt li nikteb fuqu propju f'din is-sena għaliex l-unika data li għandna tidher fuq ix-xogħlijiet tiegħu f'Ħal Kirkop hi propju dik tal-1963, fuq il-buzzetti tal-erba' Evanġelisti għal-pendenti, li llum jinsabu fil-Knisja tal-Lunzjata, 1963, preċiżament ħamsin sena ilu.


Briffa, fin-nofs, flimkien ma' missieru (fuq ix-xellug) waqt xogħol ta' pittura f'Ħal Qormi (ritratt Alfred Briffa)

Giuseppe Briffa twieled f'Birkirkara fit-12 ta' Mejju 1901, bin Giuseppe li kien dekoratur fil-knejjes u li miegħu ħa l-ewwel taħriġ tiegħu, hekk kif kien iqabbdu jħallat il-kuluri u jagħmel xogħol ieħor relatat. Studja l-arti għall-ewwel darba b'mod formali taħt Giuseppe Duca fl-Iskola Primarja ta' Birkirkara, sabiex wara ħa lezzjonijiet fis-St Elmo School u l-Malta Society of Arts, Manufactures and Commerce il-Belt.[3] Fi żmien l-Ewwel Gwerra serva bħala suldat, fejn iltaqa' mal-artist Major A.E. James li għamillu kuraġġ sabiex ikompli jippersisti fit-taħriġ artistiku.[4] Fil-fatt wara l-Gwerra studja l-kulur ma' Edward Caruana Dingli (1876-1950) u impenja ruħu ferm sabiex itejjeb il-ħiliet tiegħu fid-disinn.[5] Briffa kien artist ta' talent, tant li ta' madwar għoxrin sena kien ikkummisjonat ipitter il-kappella tal-Kunċizzjoni fil-Bażilika ta' Santa Liena f'Birkirkara. Dwar din il-kummissjoni Briffa ma' kien qal xejn lill-għalliem tiegħu Caruana Dingli, propju sabiex jara sa fejn kien kapaċi jfendi għal rasu mingħajr l-għajnuna ta' ħadd. Immedjatament wara pitter erba' kwadri għas-Santwarju tal-Ħerba f'Birkirkara. Kien is-suċċess li kiseb hawn li, fuq rakkomandazzjonijiet tal-Kapitlu ta' Birkirkara u ta' Lazzaro Pisani, wasslu biex jirbaħ borża ta' studju għal perjodu ta' taħriġ f'Ruma bejn l-1926 u l-1927.[6]

Bħal bosta mill-aqwa talent Malti, f'Ruma studja fir-*Regia Accademia di Belle Arti*, dak iż-żmien taħt il-professuri Umberto Coromaldi (1870-1948) u Alessandro Battaglia (1870-1920) għall-pittura, Antonio Anile (1869-1943?) għall-anatomija, Bardella għall-inċiżjoni, u Pietro D'Acchiardi għall-Istorja tal-Arti. Fost l-istudenti Maltin li inzertaw qiegħdin jistudjaw miegħu Ruma insibu lil Josef Kalleja, Giovanni Spiteri Sacco, Victor Fleri Soler, Paolo Consiglio, Carmelo Mangion u Vincenzo Apap. F'Ruma Briffa kien jikkumplimenta l-istudji tiegħu bi studju fir-ritratti u n-nudo fil-*British Academy of Art* li dak iż-żmien kienet immexxija minn Antonio Sciortino.

Sakemm dam Ruma lesta l-iskema dekorattiva kollha li kellu għall-kappella tas-sagrament għall-bażilika ta' Santa Liena f'Birkirkara, filwat li kien beda jaħdem ukoll fuq kummissjonijiet

għall-kappella ta' Lourdes għall-knisja tal-Kapuċċini fil-Furjana.


Giuseppe Briffa, *Marija Reġina tal-Martri*, Bażilika ta' Pinu

Il-wasla definittiva tiegħu minn Ruma ħabtet mal-mewt ta' Giuseppe Calì (1846-1930) u Lazzaro Pisani (1854-1932), biex ħlief ftit kompetizzjoni minn naħa ta' Ġanni Vella, Giuseppe Briffa iddomina x-xena tal-arti sagra f'Malta.[7] Fl-1932 lesta żewġ pitturi laterali għal Knisja tal-Agostinjani fir-Rabat Għawdex li tista' tgħid ikkonsagrawh bħala l-artist ewlieni għal kummissjonijiet fil-knejjes. Dawn iż-żewġ xogħolijiet bikrin iħaddnu l-essenza tal-arti ta' Briffa, arti mneżżgħa mill-melodrama frivola tal-Barokk, li tispira ruħha mal-kurrenti Taljani magħrufa bħala *Liberty* u *Novecento*. Naraw kontroll tajjeb ħafna ta' pajsaġġi mdawla li jalternaw ma' oħrajn mudlama, b'diversi figuri kompletament fid-dell. Il-kompożizzjonijiet tiegħu, speċjalment fil-perijodu bikri huma monumentali b'sens ta' *gravitas* li tidher f'ħafna mill-pitturi tiegħu, anke dawk tardivi. Is-suċċess li kiseb biż-żewġ kwadri tal-Agostinjani ġġenerawlu numru ta' kummissjonijiet, biex Briffa qatt ma' ħares lura. Fost il-kummissjonijiet tiegħu għall-knejjes insibu li ħadem fuq il-koppla tal-bażilika tal-Isla (1932-35), fil-knisja ta' San Ġorġ Ħal Qormi (1936-38), fil-knisja ta' Kerċem (1939-43), f'dik tal-Qalb ta' Ġesù n-Nadur (1954-57) u fil-bażilika Ta' Pinu (1957) fost oħrajn. L-aħħar żewġ xogħlijiet estensivi tiegħu kienu fil-Knisja parrokkjali ta' Ħal Kirkop u xogħol li minħabba kundizzjoniiet ta' saħħa ma lestiex fil-bażilika tal-Isla. Għalkemm żewġ kummissjonijiet kbar tiegħu, l-iskema tal-anġli li kellu mat-tambur tar-rotunda tal-Mosta, u dik għall-koppla tal-bażilika tal-Isla m'għadhomx jeżistu, xorta waħda fadal biżżejjed xogħol li juri li tassew kien wieħed mill-iprem artisti sagri ta' pajjiżna fis-seklu għoxrin. L-akbar suċċess tiegħu jibqa' l-introduzzjoni ta' sensibilità moderna fl-arti sagra fil-knejjes. Irnexxilu jżewweġ kurrenti kontemporanji f'dimensjoni ta' arti sagra lokali li minn dejjem kienet konservattiva minn dan l-aspett. Minn diversi laqtiet għandu jiġi kkunsidrat bħala l-predeċessur ta' Anton Inglott (1915-1945) u Emvin Cremona (1919-1987) li komplew fuq il-kisbiet tiegħu, wara li probabilment ġew anke ispirati mill-ispirtu tal-kummisjonijiet tiegħu.[8]


Giuseppe Briffa, *Around Gozo*, Mużew Nazzjonali tal-Arti, Heritage Malta, Inv.5295


Giuseppe Briffa, *Reclining Nude (Black Beauty)*, Mużew Nazzjonali tal-Arti, Heritage Malta, Inv.713

Għalkemm rikonoxxut bħala wieħed mill-aqwa artisti sagri tas-seklu għoxrin, mhux l-istess jista' jingħad meta wieħed jitkellem b'mod aktar ġenerali fuq l-arti


Giuseppe Briffa, *Il-Magħmudija ta' San Leonardu*, Knisja Parrokkjali San Leonardu, Ħal Kirkop, 1961


Giuseppe Briffa, *Il-Mewt ta' San Leonardu*, Knisja Parrokkjali San Leonardu, Ħal Kirkop, 1961


Giuseppe Briffa, *Il-Glorja ta' San Leonardu*, Knisja Parrokkjali San Leonardu, Ħal Kirkop, 1961

moderna f'pajjiżna. Għalkemm meta ħadem 'il barra mill-knejjes, kien ferm aktar liberu fl-eżekuzzjoni tiegħu biex ħadem nudi u pajsaġġi brillanti li jimxu mal-istili u l-iżviluppi kontemporanju, tant li uħud huma denji ta' wirjiet permanenti fil-Mużew Nazzjonali tal-Arti, kif fil-fatt huma. Il-fatt li Briffa kien kemmxejn riservat, u ftit esebixxa xogħlijiet minn dawn żammewh 'il bogħod mill-apprezzament li ħadu uħud mill-kontemporanji tiegħu.

Il-pitturi li nsibu f'Ħal Kirkop huma xhieda tal-perjodu tardiv ta' Briffa, tant li kif għidna, bħala proġett sħiħ Ħal Kirkop kienet l-aħħar opra kompluta ta' Briffa. Ta' aktar minn sittin sena, bejn l-1961 u l-1969, Briffa pitter il-kor, il-pendenti, u l-korsija.[9] Kif bosta jiftakruh beda mill-kor fl-1961, fejn pitter il-magħmudija, il-mewt u l-glorja ta' San Leonardu. Fil-pendenti nsibu l-erba' Evanġelisti bil-firma tiegħu taħt San Mattew; dawn tpittru għall-ħabta tal-1963 kif jixhdu il-buzetti. Ta' min jgħid li dawn huma simili ħafna, kważi identiċi għall-evanġelisti li Briffa pitter għal knisja żgħira ta'Santa Luċija ġewwa Għawdex. Fil-korsija naraw erba' siltiet mill-appostolat ta' San Leonardu kif ukoll lil San Pawl, San Pietru, Sant'Andrija u lil Ġakob fil-lunetti. Fl-1974 Briffa pitter il-koppla, l-aħħar kummisjoni kompluta fil-karriera tiegħu ddominata mill-arti









**Giuseppe Briffa, il-pendenti bl-Erba' Evanġelisti u dettall tal-firma taħt San Mattew, Knisja Parrokjali San Leonardu, Ħal Kirkop, 1963**

sagra. Hawn naraw rappreżentazzjoni tal-virtwijiet insara li huma s-Sewwa, il-Ħniena, is-Safa, il-Mogħdrija, il-Faqar, it-Tjubija, in-Niket u t-Tiġrib, temi li l-artist kien diġà żviluppa fil-Knisja ta' Kerċem. Xhieda ta' dan kollu nsibu l-ħlasijiet li saru lill-pittur fir-reġistru *Libro Introito Esito Venerande Lampade Kirkop Dal 17 Dec. 1931*, li qegħdin jiġu ppublikati hawn għall-ewwel darba. Jidher li l-ewwel ħlas lil Briffa kien ta' £300 u sar fit-30 ta' Novembru 1963.[10] Żgur li dan kien il-pagament tal-pendenti, biss il-fatt li sa issa ma nstabet l-ebda referenza għal ħlasijiet tal-pitturi tal-kor, jista' jindika li dan kien ħlas wieħed għat-tnejn. Ma nistgħux neskludu wkoll l-ipotesi li l-pitturi tal-kor tħallsu minn xi fond ieħor bħalma seta' kien xi benefattur. Fis-7 ta' Ottubru 1969, Briffa jirċievi pagament ta' £400 *għal pittura fil-korsija tan-nisa*, filwaqt li jidher li l-pittura tal-



**Giuseppe Briffa, *L-Appostolat ta' San Leonardu*, Knisja Parrokkjali San Leonardu, Ħal Kirkop, 1969**



**Giuseppe Briffa, Il-virtwijiet Insara fil-koppla, Knisja Parrokkjali San Leonardu, Ħal Kirkop, 1973-74**

koppla ġiet tiswa' £600.[11] Dawn tħallsu f'żewġ pagamenti: £200 fl-1973 (li setgħu faċilment kienu xi forma ta' kapparra) u £400 presubilment meta lesta, jiġifieri fid-9 ta' Lulju 1974.[12] B'hekk nistgħu faċilment nikkonkludu li l-pittura ta' Briffa swiet mill-anqas total ta' £1300.

Fix-xogħol tiegħu għal Ħal Kirkop tispikka r-rappreżentazzjoni tal-essenzjal mingħajr ebda passaġġi fiergħa jew teatrali. Ma ninsewx li fi żmien meta Briffa kien qiegħed jaħdem Ħal Kirkop, Emvin Cremona kien laħaq il-quċċata tal-karriera tiegħu bħala pittur tal-arti sagra. Il-kurrenti stilistiċi ta' Cremona jaf waslu lil Briffa biex jikkunsidra l-kompożizzjonijiet dekorattivi tal-perjodu bikri tiegħu. L-influwenza ta' Cremona tidher l-aktar fl-importanza li Briffa jagħti lil-linja meta jirrappreżenta raġġi ta' dawl. Wieħed jinnota wkoll li fittex u studja l-ikonografija ta' San Leonardu b'reqqa. Leonard Agius saħansitra jiftakar lil Carmelo Agius, li kien jiġi z-ziju tiegħu, jgħaddi xi forma ta' kalendarju bi xbihat mill-ħajja ta' San Leonardu lill-istess artist.[13] Jgħidilna wkoll li dan il-kalendarju kien ta' Giovanni Battista Cutajar, ikona għad-devozzjoni u l-festa ta' San Leonardu f'Ħal Kirkop fil-bidu tas-seklu għoxrin, propju għaliex fost il-ħafna li għamel, irnexxilu jistabbillixxi l-kuntatti neċessarji sabiex jikteb l-ewwel ħajja ta' San Leonardu bil-Malti għat-tixrid tal-wegħdi u d-devozzjoni.

Fost il-passaġġi li jqanqlu interess kbir huma dawk tal-kor u tal-korsija li probabilment jibqgħu l-isbaħ espressjoni artistika ta' San Leonardu f'Malta. Ser nazzarda nressaq ipotesi li ilha tberren f'moħħi. X'aktarx li fil-knisja ta' San Leonardu f'Ħal Kirkop, Giuseppe Briffa ħalla awto-ritratt, iġifieri pitter lilu innifsu f'waħda mix-xogħolijiet tiegħu. Qiegħed nirreferi għall-figura bla xagħar li tinsab fuq ix-xellug f'waħda mix-xeni tal-appostolat ta' San Leonardu, dik li ġġib lill-Qaddis ibierek u jqassam il-ħobż lil tifla ma' ommha fost oħrajn. Din il-figura liebsa ta' wieħed mill-fidili ta' San Anard, hi l-unika waħda tħares dirett lejn l-udjenza, xi ħaġa tipika ta' kull artist li jpenġi lilu nnifsu bħala personaġġ fil-pittura tiegħu stess. Apparti min hekk il-fattizzi ta' dan il-persunaġġ huma fattizzi partikolari, ispirati minn persuna vera, u mhux fattizzi ġenerali bħal figuri l-oħrajn. Ix-xebħ ta' din il-figura ma' ritratti u awto-ritratti mpittra minn Briffa nnifsu huwa wieħed ċar, u fuq kollox din mhix l-ewwel darba li Briffa inkluda lilu nnifsu fl-opri tiegħu. Fil-*Magħmudija ta' Santu Wistin*, għall-knisja tal-Agostinjani fir-Rabat, Għawdex, narawh fl-isfond fuq il-lemin f'poża ħosbiena.[14] Jidher ukoll li għamel l-istess ħaġa fl-apside li turi lil *San Franġisk jilqa'*



**Dettall, possibilment awtoritratt ta' Briffa, minn xena tal-Appostolat ta' San Leonardu**

*lil Sant'Antnin fl-Ordni Franġiskana*, għall-knisja ta' Sant'Antnin l-Imġarr Għawdex. Hawn naraw lil Briffa, bil-wieqfa, bl-abiti Franġiskani fuq il-lemin. Ta' min jgħid li fil-buzett tal-korsija ta' Ħal Kirkop, l-awto-ritratt tiegħu ma jidhirx u għaldaqstant il-probabilità hi li Briffa żied lilu nnifsu hu u jpitter din it-tila.



Giuseppe Briffa, Awtoritratt, Uffiċċju Parrokkjali Kerċem, 1939

Teknikament, ta' min jinnota li Briffa kien ipitter ix-xeni tiegħu fuq it-tila fl-*istudio* biex imbagħad iwaħħalhom mal-ħajt u jirtokkja l-madwar, proċess magħruf bħala *marouflage*.[15] Ħafna huma dawk li jiftakruħ jaħdem Ħal Kirkop, u xi wħud kien iqabbadhom jgħinuh. Fost dawk kien hemm it-tifel tal-istess artist, Alfred Briffa li jiftakar sew jgħin lil missieru jwaħħlu t-tila bil-kolla, ġibs u bjankett, u jimla biż-żebgħa ix-xfarijiet. Jekk wieħed iħares sewwa mill-qrib jkun jista' jiddistingwi bejn it-tila u ż-żebgħa fuq il-ħajt, dan jidher bl-aktar mod ċar fil-koppla fejn sfortunatament iż-żebgħa ta' mal-ħajt qegħda tfarfar. F'xi bnadi wieħed għadu jista' jara it-toqob ta' l-imsella li biha kienet tittaqqab it-tila fejn kienu jiffurmaw boroż ta' l-arja hi u titwaħħal mal-ħajt. Fost il-ftit anedotti li wasluli, hemm min jiftakar lill-Professur Briffa, kif kien popolarment magħruf, ipitter bil-*pyjama* sabiex iċappas lilha u jibża' għal ħwejġu. B'xorti tajba ħafna mill-buzzetti ta' Briffa għadhom jeżistu u għaldaqstant nistgħu nammirraw il-mod frisk li bih Briffa kien jaħdem il-komposizzjonijiet tiegħu. Filwaqt illi l-buzzetti tal-pendenti datati għall-1963 jinsabu fil-knisja tal-Lunzjata,[16] dawk tal-korsija u tal-koppla jinsabu f'kollezzjonijiet privati.



Giuseppe Briffa, *Il-Magħmudija ta' Santu Wistin*, Knisja tal-Agostinjani, Victoria, 1932



Giuseppe Briffa, *San Franġisk jilqa' lil Sant'Antnin fl-Ordni Franġiskana*, Knisja ta' Sant'Antnin, Imġarr, Għawdex, 1964

Is-saħħa ta' Briffa bdiet tmur lura fl-1984 meta wara li tagħtu puplesija kellu jieqaf mix-xogħol li kien qiegħed jagħmel għall-Isla.[17] Minkejja l-problemi li kellu f'idu l-leminija, baqa' jipprova jpitter sal-aħħar, tant li n-neputi tiegħu Roberto J. Buontempo jikteb li jiftakru jagħmel sforzi kbar sabiex jipprova jpitter kontra idejh, b'idu ix-xellugija.[18] Prattikament naqqas għalkollox fl-aħħar tliet snin sa ma' miet fl-1987.

Maqbuda f'perjodu ta' transizzjoni, bejn il-kurrenti artistiċi tal-passat u l-bidliet tal-futur, l-arti ta' Briffa hi xhieda importanti ta' l-arti sagra Maltija fis-seklu għoxrin. Nistgħu verament inħossuna kburin li Giuseppe Briffa temm l-aħħar proġett kbir tiegħu f'Ħal Kirkop.



**Giuseppe Briffa, Buzzett għall-pitturi tal-appostolat ta' San Leonardu fil-korsija, kollezzjoni privata**



**Giuseppe Briffa, Buzzett għall-pittura tal-virtwijiet Insara fil-koppla, kollezzjoni private**



**Giuseppe Briffa wara xogħlu f'Ħal Kirkop**


**Referenzi**

[1] Dwar Rocco Buhagiar f'Ħal Kirkop ara: Kenneth Cassar, 'Dawl Ġdid fuq il-Kwadru Titulari: skoperta interessanti mir-riċerka tiegħi dwar Ħal Kirkop, Għaqda Mużikali San Leonardu Festa 2007, Malta, 2007, pp.107-109; Kenneth cassar, 'Il-Pittura f'Ħal Kirkop', in, Vella Horatio C.R. (ed.), *Ħal Kirkop u l-inħawi ta' Madwaru*, Vol.II, Malta, 2008

[2] Alexander Bonnici, 'Kirkop - San Leonardu', in, *Il-Knejjes parrokkjali ta' Malta u l-Festi Tagħhom*, Vol.II, Malta, 1993, p.22

[3] Ray deBono Roberts, *Giuseppe Briffa 1901-1987*, exhibition catalogue, The Gozo Culture and Information Office, Ministry for Gozo, 2013

[4] Dennis Vella, *The Joseph Briffa Bequest (1987) and other works at the National Museum of Fine Arts, Malta*, Midsea Books Ltd., 2006, p.7

[5] D. Vella, 2006, p.7

[6] D. Vella, 2006, p.7

[7] Dwar Giuseppe Briffa ara: Paul Mizzi, 'Contemporary Maltese Artists- Joseph Briffa', in, *Heritage*, Midsea Books, Malta, undated, pp.129-136; Christian Attard, *Joseph Briffa (1901-1987) – A Critical Assessment of his Artistic Output*, unpublished B.A.(Hons.) thesis, University of Malta, 1995; D. Vella, 2006

[8] D. Vella, 2006, p.10

[9] C.Attard, 1995, p.61

[10] Kirkop Parish Archives, *Libro Introito Esito Venerande Lampade Kirkop Dal 17 Dec. 1931*, f.276

[11] Kirkop Parish Archives, *Libro Introito Esito Venerande Lampade Kirkop Dal 17 Dec. 1931*, f.310

[12] Kirkop Parish Archives, *Libro Introito Esito Venerande Lampade Kirkop Dal 17 Dec. 1931*, f.310

[13] Dwar Carmelo Agius ara: Leonard Agius, ' Is-Sunett taċ-Ċentinarju miktub minn Carmelo Agius', Għaqda Mużikali San Leonardu Festa 2009, Malta, 2009, pp.94-97

[14] D. Vella, 2006, p.8

[15] http://www.timesofmalta.com/articles/view/20130407/arts-entertainment/Talk-on-painting-techniques.464719

[16] Fuq il-buzzetti tal-pendenti ara: Pawlu Azzopardi Pawlu, 'Il-Kappillan Dun Ġużepp Theuma (1960-1966) – Riflessjonijiet u Tifkiriet Personali', *Leħen is-Soċjetà Mużikali San Ġużepp Ħal Kirkop – Festa 2005*, Soċjetà Mużikali

San Ġużepp Ħal Kirkop, Malta, 2005, pp.74-75

[17] Kommunikazzjoni ma' Alfred Briffa, iben Giuseppe Briffa, 2013

[18] Roberto J. Buontempo, 'An unacknowledged great', in, *The Sunday Times*, January 15, 2006, pp.46-47

## Bibliografija


### Sorsi Primarji

Kirkop Parish Archives, *Libro IntroitoEsito Venerande Lampade Kirkop Dal 17 Dec. 1931*

### Sorsi Pubblikati

Bonnici Alexander, 'Kirkop - San Leonardu', in, *Il-Knejjes parrokjali ta' Malta u l-Festi Tagħhom*, Vol.II, Malta, 1993

deBono Roberts Ray, *Giuseppe Briffa 1901-1987*, exhibition catalogue, The Gozo Culture and Information Office, Ministry for Gozo, 2013

Vella Dennis, *The Joseph Briffa Bequest (1987) and other works at the National Museum of Fine Arts, Malta*, Midsea Books Ltd., 2006

Mizzi Paul, 'Contemporary Maltese Artists- Joseph Briffa', in, *Heritage*, Midsea Books, Malta, undated

Attard Christian, *Joseph Briffa (1901-1987) – A Critical Assessment of his Artistic Output*, unpublished B.A.(Hons.) thesis, University of Malta, 1995

Agius Leonard, ' Is-Sunett taċ-Ċentinarju miktub minn Carmelo Agius', Għaqda Mużikali San Leonardu Festa 2009, Malta, 2009

Buontempo Robert J., 'An unacknowledged great', in, *The Sunday Times*, January 15, 2006

Azzopardi Pawlu, 'Il-Kappillan Dun Ġużepp Theuma (1960-1966) – Riflessjonijiet u Tifkiriet Personali', *Leħen is-Soċjetà Mużikali San Ġużepp Ħal Kirkop – Festa 2005*, Soċjetà Mużikali San Ġużepp Ħal Kirkop, Malta, 2005

Vella Horatio C.R. (ed.), *Ħal Kirkop u l-inħawi ta' Madwaru*, Vol.II, Malta, 2008

Cassar Kenneth, 'Dawl Ġdid fuq il-Kwadru Titulari: skoperta interessanti mir-riċerka tiegħi dwar Ħal Kirkop, Għaqda Mużikali San Leonardu Festa 2007, Malta, 2007

Vella Charlene, 'Celestially powerful, outstanding stylisation', in, *The Sunday Times of Malta*, June 2, 2012, p.39

http://www.timesofmalta.com/articles/view/20130407/arts-entertainment/Talk-on-painting-techniques.464719